MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2015

Numru. 121/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Fernanda Rodrigues De Araujo**
**(Passaport numru FI4986876)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Fernanda Rodrigues De Araujo** talli fit-2 ta' Frar 2015 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30hrs) u fil-hinijiet ta' wara gewwa San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Bil-qerq holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'il quddiem jiswew bi prova kontra persuni ohra bil-hsieb li b'hekk dawn il-persuni jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi iddenunzjat lill-Pulizija ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella b'qerq holqot tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nfisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (a fol. 115) datata 20 ta' Mejju 2015 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 110 (1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Artikoli 188 (1) u 183, 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Artikoli 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Mata;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-25 ta' Gunju 2015 (a fol. 117), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' Mejju 2015 u f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputata fis-seduta tal-lum stess tammetti l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha; liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti taghtha zmien ragjonevoli biex tikkonsidra l-posizzjoni taghha u wissietha dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u kif ukoll il-fedina penali netta taghha u l-ammissjoni taghha;

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 20 ta' Mejju 2015 u senjatament Artikoli 23, 31, 110 (1) u (2), 188 (1), 183, 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Mata,fuq ammissjoni ssib lill-imputata **Fernanda Rodrigues De Araujo** hatja tal-imputazzjonijiet

kollha migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba' (4) snin.

Finalment, peress li f'dawn il-proceduri ma gew inkorsi l-ebda spejjez ta' esperti jew periti, il-Qorti qieghdha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex il-hatja thallas tali spejjez ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------